MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
NADIA H. VELLA**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2014

Talba Numru. 574/2012

**GasanMamo Insurance (C3143)
hekk kif issorrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat tagħha Joseph Pirotta (KI: 317456(M)) sija fil-polza u sija bil-liġi,
u l-istess Joseph Pirotta**

**vs.**

**Josianne Fenech (KI: 497575(M))
u
Marianna Camilleri (KI:274051(M))**

It-Tribunal

**Preliminari**

Ra l-**Avviż tat-talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fl-20 ta' Awwissu 2012,

li permezz tiegħu l-atturi talbu l-ħlas mingħand il-konvenuti tas-somma ta’ sitt mija u sbatax–il Ewro u u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€617.94) rappreżentanti danni sofferti mill-atturi insegwitu ta’ inċident illi seħħ fl-20 ta’ April 2007, fi Triq iċ-Ċinju, Mosta meta l-konvenuti b’negliġenza u/jew b’dolo, ikkawżaw ħsarat fuq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni HAP 323, proprjetà tal-assikurat tas-soċjetà attriċi.

Illi, l-ammont mitlub jinkludi wkoll l-ammont ta’ mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu(€232.94) imħallsa bħala excess mill-assikurat tas-soċjetà attriċi, illi kien kopert bil-polza assikurattiva “comprehensive” maħruġa mis-soċjetà attriċi illi għaldaqstant ħallset il-bilanċ tad-danni.

Interpellati sabiex iħallsu permezz ta’ żewġ ittri uffiċċjali datati 2 ta’ April 2009 u 9 ta’ Marzu 2011, il-konvenuti baqgħu inadempjenti u għalhekk kellhom jiġu stitwiti dawn il-proċeduri.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet ikkalkolati mit-2 ta’ April 2009 sal-ġurnata tal-pagament effettiv kontra il-konvenuti illi huma minn issa stess inġunti għas-subizzjoni.

Ra r-**risposta tal-konvenuti** ippreżentata fid-9 ta’ Ottubru 2012, fejn huma eċċepew:

1. Ma hemm ebda relazzjoni ġuridika bejn il-partijiet.

2. Il-ħlas kien res inter alias acta u anke fl-ammont.

3. Il-konvenuti mhumiex responsabbli.

4. Kull ammont hu kontestat.

Ra d-dokumenti kollha esebiti, inkluż ir-rapport redatt mill-Pulizija dwar l-inċident, diversi fatturi rigwardanti l-ispejjeż li saru għat-tiswija tal-vettura, ir-ritratti li juru l-ħsara li ġarrbet il-vettura;

Sema' x-xhieda prodotti mis-soċjeta` attriċi,

Ra illi minkejja li t-Tribunal alloka erba' seduti għas-smigħ tal-provi tal-konvenuti u cioe tas-17 ta' Mejju 2013, 27 ta' Ġunju 2013, 3 t'Ottubru 2013 u 31 t'Ottubru 2013, dawna la qatt ma dehru u lanqas ipproduċew ebda prova in sostenn tal-eċċezzjonijiet tagħhom, u għaldaqstant it-Tribunal iddikjara il-provi tal-konvenuti magħluqa;

Ra l-verbal tal-31 ta' Ottubru 2013 fejn il-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna sabiex tingħata s-sentenza, in difett t'ostaklu.

**Provi**

Sema' x-xhieda ta' **Nadia Bugeja** (xebba Pirotta), li hija bint l-attur, fejn spegat kif ġara l-inċident u cioe illi fl-20 t'April tas-sena 2007, f'xi s-siegħa u nofs ta' wara nofs in-nhar kienet ħarġet barra bil-kelb, meta ħarġet il-ġara li jisimha Josianne Fenech li bdiet tistaqsiha domandi li skond l-istess xhud kienet qed taqbad magħha. Għaldaqstant hi qalet lill-ġara biex tħalliha bi kwietha. X'ħin ommha semgħetha tgħid lill-ġara biex tħalliha bi kwietha ħarġet hi wkoll, u qaltilha hi ukoll biex lit-tifla tħalliha bil-kwiet. Ix-xhud u ommha daħlu ġewwa biex forsi jikkalmaw l-affarijiet.

Iżda l-argument kiber billi Marianna Camilleri, omm Josianne Fenech bdiet tħabbat mat-tieqa tax-xhud, għaddiet għal ġod-'drive-in' tagħhom u bdiet tħabbat mal-bieb ta' barra. Marianna Camilleri bdiet tgħid lil omm ix-xhud biex toħroġ barra ħalli toqtolha bil-'pot holder' li kellha f'idejha u bdiet tgħidilha wkoll biex ix-xhud tneħħi l-

karozza minn fejn kienet. Peress li ma ħarġux, l-istess Marianna Camilleri qabdet din il-‘pot holder’ li kella f’idejha u li kienet mimlija bil-ħamrija u waddbitha versu l-faċċata tagħhom.

Marianna Camilleri u Josianne Fenech, it-tnejn bdew jagħtu kemm jifilħu fuq il-karozza tax-xhud tal-għamla ‘FIAT PUNTO’ bin-numru tar-reġistrazzjoni HAP-323. Wara ftit tal-ħin, l-istess Marianna u Josianne għebu billi telqu minn fuq il-post bil-karozza tagħhom. Ix-xhud u ommha li kienu qed jaraw dan kollu jseħħ minn wara t-tieqa, għamlu l-kuraġġ u ħarġu barra. Huma sabu diversi ħsarat fuq il-vettura u cioe’ il-mudguard tan-naħa tax-xufier mgħaffeg, il-bonnet bl-istess daqqiet li kien għola, u wkoll barxa fonda fuq in-naħa ta’ wara tal-karozza u cioe’ mal-but.

Ikkonfermat illi r-ritratti li jinsabu fol. 8, 9 u 10 tal-proċess, ħadithom hi stess dak in-nhar tal-inċident u kienu juru l-ħsarat li kienu saru fuq il-vettura tagħha.

Sema lix-xhud **John Callus**, *motor cars surveyer* independenti, li kkonferma li s-survey li jinsab fil-fol. 11 tal-proċess kien redatt minnu qabel ma saru t-tiswijiet għand *Ray’s garage motor repairs.* Huwa kien ipprospetta illi t-tiswijiet kellhom jiswew mitejn u sebgħa u sittin Lira Maltija (Lm267) u fil-fatt l-irċevuti fol. 12 et seq. tal-proċess kienu fl-ambitu tas-*survey* tiegħu.

Ikkonferma wkoll illi *s-survey* li għamel kien effettivament jitratta fuq il-ħsarat murija fl-istess ritratti li jinsabu fol. 8 u 9 tal-proċess u li jikkonsistu fi grif fuq il-*bonnet* u t-*tailgate* u wkoll daqqa fuq il-*mudguard* tan-naħa tal-lemin ta’ quddiem. Huwa ma setax jikkonstata dawn id-daqqiet minn xiex setgħu ġew ikkawżati.

Xehed ukoll **PS746 Jeffrey F Attard Mc Cartney**, li ħejja r-rapport fol. 37 tal-proċess, illi qal li fl-għoxrin (20) t’April tas-sena 2007 meta kien xogħol fl-għassa tal-Mosta għall-ħabta ta’ 1:45pm kienet marret ċerta Josianne Fenech flimkien ma’ ommha fejn irrapportaw li kienu għadhom kemm ġew aggrediti mill-ġirien tagħhom u cioe’ Nadia u

ommha Jane Pirotta. Is-sinjura Fenech qaltlu li kien hemm xi żewġ fliexken tad-*detergents* illi ma nġabrux maż-żibel u li hi sabithom imdendlin mal-grada tagħha. Dak il-ħin, hija barra sabet lil Nadia Pirotta u staqsietha jekk kinitx hi li għamlitilha dawn il-fliexken mal-grada u skond l-istess Fenech, din Pirotta infexxet tgħajjat magħha u tgħajjarha. Josianne kompliet tgħid li ħarġet ukoll Jane Pirotta, fejn dawn qabdu lil Josianne minn xagħarha u bdew iħabbtuha mal-karozza tal-istess Nadia Pirotta.

Waqt li x-xhud kien qiegħed idaħħal ir-rapport li kienet qed tagħmel Josianne Fenech kienet ċemplitlu Nadia Pirotta fejn qaltlu illi kienu sofrew xi ħsarat u għalhekk talbuh imur fuq il-post.

Filfatt huwa mar fuq il-post fejn ħa l-verżjoni ta' Pirotta. Din qaltlu li hija kienet qiegħda fl-għalqa ta' faċċata bil-kelb, meta ħarġet Josianne Fenech fejn staqsietha "inti għamilthomli dawn?" Nadia din ratha bħala xi ħaġa tad-daħq u bdiet tidħaq u għalhekk Josianne u ommha kienu infexxew jgħajruha. Nadia irraportatlu illi Josianne Fenech kienet qaltilha illi jekk m'hijiex se tneħħi l-karozza minn fejn kienet ipparkjata hija kienet ser tkissirielha. Nadia rrifjutat li tneħħi l-karozza minn hemm peress li kienet ipparkjata b'mod legali u għaldaqstant Josianne Fenech u ommha sfaw jagħtu d-daqqiet fuq il-vettura fosthom fuq is-saqaf u fuq il-bagoll u wkoll fil-*mudguard*.

Pirotta wrew lix-xhud fejn kienu saru d-daqqiet u huwa seta jikkonstata girfiet fuq il-bagoll, ukoll daqqa fuq il-*mudguard*. Ix-xhud ikkonstata wkoll li l-karozza kienet ipparkjata b'mod legali u l-qasrija f'nofs il-parapett ta' Pirotta. Meta kkonfronta lil Josianne Fenech bil-verżjoni ta' Pirotta, din kienet  innegat li kienu għamlu xi ħsara lill-karozza.

Xehdet ukoll **Jane Pirotta**, mart l-attur, li kkorraborat ix-xhieda mogħtija minn bintha Nadia. Hija żiedet tgħid li fil-kawża tal-pulizija kontra Josianne Fenech u Marianna Camilleri dawn kienu ġew misjuba ħatja iżda ġew illiberati bil-kundizzjoni li ma jagħmlux reat ieħor fi żmien tlett (3) snin u wkoll ingħatat garanzija li jżommu l-kwiet magħha,

ma' bintha u ma' żewġha ghal żmien sena. Is-sentenza hija esebita fol. 45 et seq. tal-process.

**Konsiderazzjonijiet**

It-Tribunal ikkonsidra illi Pirotta qablu sewwa bejniethom fix-xhieda li taw, u wkoll żammew ferm mal-verżjoni tal-fatti li kienu taw preċedentement quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali), kif ġew rapportati fis-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti. Illi dan fil-fehma tat-Tribunal jattribwixxi element ta' kredibilita lin-naħa attriċi.

Il-konvenuti min-naħa tagħha għażlu li ma jixhdux u lanqas ma pprovdew xi xhud in sostenn tal-eċċezzjonijiet tagħhom. Iżda t-Tribunal jaf il-verżjoni tal-fatti tal-konvenuti, minn dak illi huma kienu rrappurtaw lill-Pulizija dak in-nhar tal-inċident, liema Pulizija xehed fil-mori ta' dawn il-proċeduri u fedelment ta l-verżjoni li kienu għaddewlu ż-żewġ naħat.

In-naħa attriċi kienet irrapportat lill-Pulizija b'mod konformi max-xhieda li taw quddiem dan it-Tribunal.

Il-konvenuti kienu rrappurtaw li kienu l-ġirien tagħhom Pirotta li aggredew lil Josianne Fenech u dan billi insultawha bi kliem anke oxxen, ġibdulha xagħarha u imbuttawha fuq il-vettura tagħhom stess, bil-konsegwenza li ġew ikkawżati għafsiet fil-mudguard tal-lemin tal-vettura.

It-Tribunal jikkonsidra illi din il-verżjoni m'hijiex kredibbli u cioe li ta' Pirotta imbuttaw lil Fenech fuq il-vettura tagħhom stess b'mod li ġarrbet ħsarat. Hija inverosimili li persuna twettaq ħsara fuq il-propjeta tagħha nnifisha. Inoltre it-Tribunal jikkonsidra li Fenech stess stqarret li kienet hi li ħarġet għal Nadia Pirotta meta din kienet barra bil-kelb, aġir li jindika li kienet Fenech li ħarġet għall-ġlied u qanqlet l-argument u mhux viċi-versa.

It-Tribunal ikkonsidra wkoll li l-konvenut bl-ebda mod ma kkontestaw ix-xhieda li taw ta' Pirotta quddiem dan it-

Tribunal, minkejja li kellhom ampjament opportunita li jagħmlu dan, u għaldaqstant, għal din ir-raġuni wkoll, it-Tribunal jagħżel li jemmen il-verżjoni tal-fatti mistqarra mix-xhieda prodotti mis-soċjeta attriċi.

Konsegwentement, it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-konvenuti huma responsabbli għad-danni sofferti mis-soċjeta attriċi assikuratriċi, u wkoll mill-attur li ħallas l-*excess*. Huwa tal-fehma wkoll illi l-ammont mitlub bħala danni, huwa ammont ġustifikat u li ġie sodisfaċentement ippruvat.

**Deċide**

Għaldaqstant it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din il-kawża billi għar-raġunijiet suesposti, jilqa' t-talba tal-atturi, jiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, u konsegwentement, jikkundanna lill-konvenuti in solidum iħallsu lill-atturi is-somma ta' sitt mija u sbatax-il Ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€617.94), bl-imgħax legali dekorribbli mill-20 t'Awwissu 2012, li hija d-data tal-preżentata tal-Avviż tat-talba, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjeż huma a karigu tal-konvenuti in solidum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------